**KUNSILL**
**TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 26 ta' Marzu 2013 (23.04)**
**(OR. en)**

**17923/12**
**ADD 1**

**PV CONS 73**
**ENV 957**

**ADDENDUM għall-ABBOZZ TA' MINUTI**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | It-**3211**-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (**AMBJENT**), li saret fi Brussell fis-17 ta' Diċembru 2012 |

## PUNTI TA' DELIBERAZZJONI PUBBLIKA [1]


**Paġna**

**Lista ta' PUNTI "A" (dok. 17614/12 PTS A 107)**

Punt 1. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja [L-ewwel qari] (AL + D)........ 4

Punt 2. Regolament tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja fir-rigward tal-arranġamenti applikabbli għat-traduzzjoni (AL)........ 4

Punt 3. Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1214/2011 dwar it-trasport transkonfinali professjonali tal-euro fi flus kontanti bit-triq bejn Stati Membri taż-żona tal-euro........ 5

**Lista ta' PUNTI "A" (dok. 17615/12 PTS A 108)**

Punt 2. Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Baħar Mediterran mit-tniġġis ikkaġunat mill-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-blata kontinentali, qiegħ il-baħar u s-sottoswol tiegħu........ 5

Punt 3. Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 7/2010 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali........ 5

Punt 4. Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1344/2011 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli, tas-sajd u industrijali........ 5

Punt 5. Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Bulgarija u lir-Rumanija sabiex japplikaw miżuri ta' deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud........ 6


[1] Deliberazzjonijiet dwar l-atti leġislattivi tal-Unjoni (l-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea), deliberazzjonijiet oħra miftuħin għall-pubbliku u dibattiti pubbliċi (l-Artikolu 8 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill).

**Lista tal-PUNTI FUQ L-AĠENDA (dok. 17442/12 OJ CONS 72 ENV 928)**

Punt 6. Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm Ġenerali ta’ Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" [L-ewwel qari] ........ 6

Punt 7. Affarijiet oħra ........ 7

(g) (i) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 443/2009 bl-għan li jiġu ddefiniti l-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira għall-2020 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn karozzi ġodda tal-passiġġieri [L-ewwel qari]
Fajl Interistituzzjonali: 2012/0190(COD)

(ii) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 510/2011 bl-għan li jiġu ddefiniti l-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira għall-2020 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda [L-ewwel qari]
Fajl Interistituzzjonali: 2012/0191 (COD)

*
* *

**DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**
***(deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)***

PUNTI "A" (dok. 17614/12)

1. **Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja [L-ewwel qari] (AL+D)**
   PE-CONS 72/11 PI 180 CODEC 2344 OC 70
   + COR 1 (es)
   + COR 2 (fi)

   Il-Kunsill approva l-emenda mniżżla fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat kif meħtieġ skont dan, f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 118 tat-TFUE).

   **Dikjarazzjoni mill-Istati Membri parteċipanti**
   **dwar is-sehem tad-distribuzzjoni tat-tariffi tat-tiġdid għall-privattivi Ewropej b'effett unitarju**

   "L-Istati Membri parteċipanti jistennew b'interess u fiduċja d-deċiżjonijiet tal-Kumitat Magħżul, li għandu jiġi stabbilit fil-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, dwar il-livell tat-tariffi tat-tiġdid għall-privattivi Ewropej b'effett unitarju u s-sehem tad-distribuzzjoni ta' tali tariffi fost l-Istati Membri parteċipanti.

   Meta jiddeċiedu dwar is-sehem tad-distribuzzjoni tat-tariffi tat-tiġdid, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri parteċipanti għandhom ikunu ggwidati mill-kriterji elenkati fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja, bil-għan li l-Istati Membri parteċipanti kollha jkunu jistgħu jżommu d-dħul mit-tariffa tat-tiġdid attwali waqt li fl-istess ħin ikun żgurat li dawk l-Istati Membri li attwalment għandhom tariffa tat-tiġdid baxxa jżidu dan id-dħul b'mod sinifikanti."

2. **Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja fir-rigward tal-arranġamenti applikabbli għat-traduzzjoni (AL)**
   18855/2/11 REV 2 PI 194 OC 106

   Il-Kunsill adotta r-regolament imsemmi hawn fuq (Bażi legali: l-Artikolu 118 tat-TFUE).

**3. Regolament tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1214/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport transkonfinali professjonali tal-euro fi flus kontanti bit-triq bejn Stati Membri taż-żona tal-euro**

17787/10 EF 207 MI 543 COMPET 428 ECOFIN 832 ENFOPOL 364
+ REV 1 (it)
+ REV 2 (fi)

Il-Kunsill adotta r-regolament imsemmi hawn fuq (Bażi legali: l-Artikolu 352 tat-TFUE).

*****

**ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATIVI - ADOZZJONIJIET PUBBLIĊI**
***(f'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)***

PUNTI "A" (dok. 17615/12)

**2. Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Baħar Mediterran mit-tniġġis ikkaġunat mill-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-blata kontinentali, qiegħ il-baħar u s-sottoswol tiegħu**

9671/12 ENV 340 MAR 58 MED 25 ENER 157 OC 223
+ COR 1

Il-Kunsill adotta d-deċiżjoni msemmija hawn fuq (Bażi legali: l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tat-TFUE).

**3. Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 7/2010 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta’ kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali**

16581/12 TDC 20 UD 299 OC 665
+ REV 1 (it)

Il-Kunsill adotta r-regolament imsemmi hawn fuq (Bażi legali: l-Artikolu 31 tat-TFUE).

**4. Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1344/2011 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli, tas-sajd u industrijali**

16582/12 TDC 21 UD 300 OC 666

Il-Kunsill adotta r-regolament imsemmi hawn fuq (Bażi legali: l-Artikolu 31 tat-TFUE).

5. **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Bulgarija u lir-Rumanija sabiex japplikaw miżuri ta' deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**
16662/12 FISC 179 OC 668

Il-Kunsill adotta d-deċiżjoni msemmija hawn fuq (Bażi legali: l-Artikolu 395(1) tat-TFUE).

*****

PUNTI FUQ L-AĠENDA

**DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**
***(deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)***

6. **Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" [L-ewwel qari]**
Fajl Interistituzzjonali: 2012/0337 (COD)
- Dibattitu ta' orjentazzjoni
16498/12 ENV 872 DEVGEN 314 ECO 139 SAN 313 PECHE 515 AGRI 826 IND 216 CHIMIE 93 ENER 510 RECH 449 TRANS 438 CODEC 2874
+ ADD 1
16953/12 ENV 905 DEVGEN 325 ECO 146 SAN 314 PECHE 516 AGRI 827 IND 217 CHIMIE 94 ENER 511 RECH 450 TRANS 439 CODEC 2847

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq u l-Kunsill organizza dibattitu pubbliku ta' orjentazzjoni dwarha.

**ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATIVI - DIBATTITI PUBBLIĊI**
***(f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill [proposti mill-Presidenza]) għall-punti minn 7 sa 9)***

**7. Affarijiet oħra**

(g) (i) **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 443/2009 bl-għan li jiġu ddefiniti l-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira għall-2020 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn karozzi ġodda tal-passiġġieri (L-ewwel qari)**
Fajl Interistituzzjonali: 2012/0190(COD)

(ii) **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 510/2011 bl-għan li jiġu ddefiniti l-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira għall-2020 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda (L-ewwel qari)**
Fajl Interistituzzjonali: 2012/0191 (COD)

- Informazzjoni mill-Presidenza
  17406/12 ENV 925 ENT 309 CODEC 2949

Il-linji tad-diskussjoni deskritti fid-dok. 17406/12 ġew ikkonfermati mill-interventi tad-delegazzjonijiet.

================